MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 83/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roderick Barun**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roderick Barun, bin Rita Barun, imwieled fit-30 ta' Jannar 1986, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 75486M, talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda (**1**) b'ghemil zieni kkorrompa lil A. B., persuna taht l-eta`, (**2**) fl-istess zminijiet u cirkostanzi eccita, ghen jew iffacilita` l-korruzzjoni ta' l-istess A. B., (**3**) ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta`, cioe` l-istess A. B., (**4**) assocja ruhhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li

mhux delitt taht l-Att dwar l-Istampa, (**5**) xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' R. E. u l-imsemmija A. B., (**6**) fl-istess zminijiet u cirkostanzi zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, (**7**) kien komplici fit-termini tal-paragrafi (a), (b), (d) u (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali fir-reat kontemplat fl-Artikolu 38(3) tal-Kap. 255, u cioe` r-reat ta' min jikkuntratta zwieg ma' persuna ohra meta dak li jkun ikun jaf li l-uniku skop tal-persuna l-ohra fl-ikkuntrattar taz-zwieg kien li tinkiseb cittadinanza Maltija jew il-liberta` ta' moviment f'Malta, jew permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f'Malta, jew id-dritt li tidhol f'Malta jew id-dritt li tikseb kura medika hawn hekk; (**8**) hedded jew insulenta bi kliem lil imsemmija R. E., u aktar (**9**) talli sar recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17 ta' Marzu 2003; l-ewwel qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija A. B. u R. E. u l-familji taghhom billi tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 u taghmel ordni ta' protezzjoni; fl-ahhar nett il-prosekuzzjoni talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 dwar l-ispejjez peritali;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Roderick Barun <u>hati skond il-hames (5) imputazzjoni</u>, izda mhux hati skond l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6) is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni (u ghalhekk illiberatu minn dawn l-imputazzjonijiet), u kkundannatu ghall-piena ta' tlett snin prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv; dik il-qorti ghamlet ukoll "Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C favur A. B. u R. E. ghal tlett (3) snin";[1]

---

[1] Dwar l-imputazzjoni tar-recidiva – it-disa' imputazzjoni – l-ewwel qorti ma pprovdietx fid-*decide* izda fil-korp tas-sentenza qalet hekk: "Fuq l-addebitu tar-recidiva, apparti li ma giet prodotta ebda sentenza datata 17 ta' Marzu 2003, iz-zewg sentenzi l-ohra ezibiti m'humiex applikabbli ghal dan l-addebitu. Wahda nghatat wara li l-imputat tressaq il-Qorti fuq dan il-kaz, allura zgur ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni, mentri l-ohra, li hija datata 26 ta' Mejju 2008, tipprovdi ghal piena ta' sentenza sospiza. Semmai,

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Roderick Barun, minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat ukoll mill-hames (5) imputazzjoni bl-addebitu tal-kontinwat u li, subordinatement u bla pregudizzju, il-piena kienet wahda eccessiva;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2009; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant ghandu tlett aggravji, li huma (1) li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati skond il-hames imputazzjoni fil-forma kontinwata, cioe` bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali; (2) li l-hames imputazzjoni ma gietx pruvata sal-grad li trid il-ligi, u (3) li l-piena kienet eccessiva. Logikament wiehed irid jibda mit-tieni aggravju, ghax jekk ma tirrizultax pruvata sal-grad li trid il-ligi l-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni (Kap. 63) ikun inutili li wiehed jghaddi biex jezamina jekk dan ir-reat hux suxxettibbli ghall-forma kontinwata ipotizzata bl-Artikolu 18 imsemmi.

**6.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha u specjalment id-deposizzjonijiet ta' A. B. u ta' R. E., kif ukoll l-istqarrijiet li l-appellant kien irrilaxxja lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom, u hi sodisfatta, bhalma neccessarjament kienet il-Qorti Inferjuri, li l-appellant, fiz-zmien inkriminat, kien qieghed xjentement jghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni tal-imsemmija zewg tfajliet; dan jirrizulta car anke minghajr il-htiega tal-applikazzoni tal-prezunzjonijiet kontemplati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 63. Dak li ma jirrizultax car huwa jekk, fil-kaz ta' A. B. (li twieldet fis-26 ta' Novembru 1989[2])

---

ghalhekk, kellu jigi imputat lilu li wettaq reat waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, izda din qatt ma giet indikata b'dan il-mod f'dawn l-atti. Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva ma tistax tirrizulta." Din il-Qorti – cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – tippreciza, u dan anke ghall-finijiet ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 28D tal-Kap. 9, li mill-provi prodotti ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-fatti ammontanti ghar-reat ipotizzat fil-hames imputazzjoni sehhew wara s-26 ta' Mejju 2008.

[2] Ara certifikat tat-twelid a fol. 58.

il-fatti ammontanti ghar-reat sehhewx qabel jew wara Novembru 2007, cioe` qabel jew wara li ghalqet it-tmintax-il sena. Ghalkemm sia l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-ewwel qorti ppruvaw jistabilixxu dan id-dettal importanti – ara in partikolari fol. 33 u 34 tal-atti – din ic-cirkostanza baqghet neboluza ghall-ahhar. Jidher li kien proprju ghalhekk li l-ewwel qorti, meta giet ghall-piena, injorat il-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 7 (li jipprovdi ghal piena massima ta' erba' snin prigunerija jekk il-persuna li tkun qed tipprostitwixxi ruhha ma tkunx ghalqet l-eta` ta' tmintax-il sena) u minflok hadet bhala massimu l-piena ta' sentejn (li ziedet bi grad -- ghal tlett snin -- minhabba l-Artikolu 18[3]). Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi respint.

**7.** Kwantu ghall-ewwel aggravju – u cioe` li fir-rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 mhux koncepibbli l-figura tar-reat kontinwat – din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju huwa fondat. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha (sedenti l-Onor. Imhallef David Scicluna) tat-28 ta' Jannar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ian Camilleri, Ernest Pulis *omissis*** [4]. L-ewwel qorti, ghal xi raguni, injorat ghal kollox il-gurisprudenza cara ta' din il-Qorti in materja. Din il-Qorti, pero`, izzid tghid li jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn ikun hemm konkors materjali ta' diversi reati taht l-imsemmi Artikolu 7(1), fejn allura jkun applikabbli l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9. Tali sitwazzjoni tavvera ruhha jekk ikun hemm diversi periodi li fihom l-agent ikun ghex, ghal kollox jew in parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, liema periodi jkunu spazjati b'tali mod li wiehed ikun jista' effettivament jghid fir-rigward tat-tieni periodu u tal-periodi l-ohra li l-agent ikun "rega' beda" jghix fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna jew persuni ohra. Tali sitwazzjoni, pero`, ma tissussistix fil-kaz odjern.

---

[3] L-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, qalet in fatti hekk: "Huwa fost l-aktar livelli baxxi li persuna tista' taqa' meta tabbuza mid-dghjufija ta' persuna ohra b'dak il-mod. Ghalhekk biss, il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun fil-massimu indikat mil-ligi, tenut kont ukoll iz-zieda bi grad ghall-addebitu tar-reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9."

[4] App. nru. 235/2007.

**8.** Jibqa’ x’jigi ezaminat it-tielet aggravju, cioe` li l-piena kienet wahda eccessiva. In vista ta’ dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu minnufih qabel dan, ser ikun hemm necessarjament tibdil fil-piena. Din il-Qorti, pero`, apparti li tikkondividi l-hsieb ta’ l-ewwel Qorti li hawn si tratta ta’ reat fejn effettivament persuna tkun qeghda tisfrutta, ankorke` indirettament, persuna ohra – normalment persuna vulnerabbli – u li ghalhekk ir-regola ghandha tkun li l-piena tkun wahda karcerarja b’effett immedjat, ma tistax tinjora l-fedina penali tal-appellant, li hija wahda refrattarja. Meta din il-Qorti tara li l-appellant gie diga` kkundannat seba’ darbiet (ghal diversi reati, mhux konnessi ma’ prostituzzjoni) u b’kollox inghata mill-Qrati Inferjuri xejn anqas minn hames sentenzi ta’ prigunerija sospiza (u *conditional discharge*) – liberalita` ghal kollox inkomprensibbli ghal din il-Qorti – wiehed irid jistaqsi jekk il-qrati hux qed japplikaw b’mod korrett din il-forma ta’ piena, cioe` l-piena ta’ prigunerija sospiza, jew jekk il-prosekuzzjoni hix qed tmur quddiem il-qrati armata bl-informazzjoni kollha neccessarja dwar l-antecedenti tal-imputati li tkun qed tressaq biex jigu gudikati, sabiex il-Qrati Inferjuri jkunu jistghu jassiguraw li s-sentenza ta’ prigunerija sospiza ma tigix, anke jekk mhux b’mod intenzjonali, abbuzata ossia malapplikata. Apparti dan kollu, din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta’ l-ewwel qorti li f’dan il-kaz l-appellant jimmerita l-piena ghar-reat li tieghu instab hati fil-massimu taghha, li huwa ta’ sentejn prigunerija.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell in parti u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-addebitu tar-reat kontinwat, kif ukoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ tlett snin prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------